V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-QORTI ĠENERALI

SEJĦA GĦAL KANDIDATURI

(2023/C 14 A/01)

Il-Qorti Ġenerali hija waħda miż-żewġ qrati li jikkostitwixxu l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Il-missjoni tagħha hija, b'mod partikolari, li tistħarreġ il-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-Unjoni Ewropea. B'hekk, il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti Ġenerali jirriflettu l-attivitajiet ta' dawn l-istituzzjonijiet u ta' dawn il-korpi. Barra minn hekk, saret proposta sabiex il-kompetenzi tal-Qorti Ġenerali jiġu estiżi għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa taħt l-Artikolu 267 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'ċerti oqsma speċifiċi.

Fil-futur qarib, il-Qorti Ġenerali ser taħtar ir-Reġistratur tagħha konformement mar-raba' paragrafu tal-Artikolu 254 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll mal-Artikolu 32 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Din il-ħatra ser issir għal perijodu ta' sitt snin mid-data tad-dħul fil-kariga, li huwa mixtieq li ssir fl-1 ta' Mejju 2023.

I. IN-NATURA TAR-RESPONSABBILTAJIET

Ir-Reġistratur huwa inkarigat li, taħt l-awtorità tal-President tal-Qorti Ġenerali, jirċievi, jibgħat u jżomm id-dokumenti kollha, kif ukoll li jwettaq in-notifiki meħtieġa għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Ir-Reġistratur jassisti lill-Membri tal-Qorti Ġenerali fl-atti kollha tal-kariga tagħhom.

Ir-Reġistratur għandu l-kustodja tas-siġilli u huwa responsabbli għall-arkivji. Huwa jieħu ħsieb il-pubblikazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, il-pubblikazzjoni tal-Ġabra tal-ġurisprudenza, u t-tqegħid fuq l-internet ta' dokumenti li jikkonċernaw lill-Qorti Ġenerali.

Ir-Reġistratur, taħt l-awtorità tal-President tal-Qorti Ġenerali u flimkien mad-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandu jiżgura l-amministrazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontabbiltà tal-Qorti Ġenerali.

Ir-Reġistratur huwa responsabbli għal dipartiment ikkostitwit minn madwar 70 uffiċjal u aġent. Ir-responsabbiltajiet tiegħu jeħtieġu kapaċità ta' tmexxija vverifikata u kkonfermata permezz ta' esperjenza rilevanti f'dan il-qasam.

II. PREŻENTAZZJONI TAL-KANDIDATURI

Il-persuni interessati huma mistiedna jippreżentaw il-kandidatura tagħhom f'ittra ta' motivazzjoni, flimkien ma' *curriculum vitae* ddettaljat li jinkludi, b'mod partikolari, l-informazzjoni kollha dwar:

— in-nazzjonalità tagħhom,

— il-kwalifiki universitarji tagħhom fil-qasam legali u, jekk ikun il-każ, f'suġġetti oħra,

— il-konoxxenzi lingwistiċi tagħhom u b'mod partikolari l-konoxxenza tagħhom tal-Franċiż u tal-Ingliż,

— l-attivitajiet professjonali tagħhom, attwali u preċedenti, li jservu bħala prova ta' esperjenza rilevanti, idealment ta' mill-inqas ħmistax-il sena,

— kif ukoll kull esperjenza legali u internazzjonali oħra.

Il-kandidaturi għal din il-pożizzjoni għandhom jaslu għand is-Segretarjat tal-President tal-Qorti Ġenerali, esklużivament permezz ta' ittra elettronika, fuq l-indirizz tal-posta elettronika Secretariat_President-Tribunal@curia.europa.eu, sa mhux iktar tard mill-15 ta' Frar 2023.

Il-kandidaturi ser jiġu eżaminati minn Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati magħżula b'mod preliminari abbażi ta' analiżi tal-*curriculum vitae* tagħhom u tal-ittra ta' motivazzjoni tagħhom ser jiġu mistiedna għal intervista.

Wara dawn l-intervisti, il-Kumitat ta' Selezzjoni ser jistabbilixxi lista ta' kandidati li fil-fehma tiegħu jkunu idoneji sabiex jeżerċitaw il-funzjoni ta' Reġistratur. Din il-lista ser tiġi ppreżentata lill-Qorti Ġenerali sabiex jinħatar ir-Reġistratur, konformement mal-Artikolu 32(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

NB: L-ipproċessar tad-*data* personali tiegħu, meħtieġ sabiex tiġi evalwata l-kapaċità tiegħu fir-rigward tal-funzjoni ta' Reġistratur, huwa rregolat mir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Huma biss il-persuni involuti fl-ipproċessar tal-kandidatura tiegħek, jiġifieri l-Imħallfin tal-Qorti Ġenerali kif ukoll il-President u l-persuni li jassistuh, li ser ikollhom aċċess għad-*data* tiegħek. Għal informazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* tiegħek, tista' tindirizza ruħek lill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar (Secretariat_President-Tribunal@curia.europa.eu) jew lill-uffiċċjal tal-protezzjoni tad-*data* (Dataprotectionofficer@curia.europa.eu).

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).